# Għażiż Victor...

Li ma nhallux l-ambjent jinqered hi ħaġa tajba. Iżda mhux biżżejjed. B'rispett lejn l-ambjent, lejna nfusna, kif ukoll lejn ġenerazzjonijiet futuri rridu nagħmlu aktar minn hekk. Irridu naghtu l-ħajja lill-ambjent.

L-iżvilupp industrijali sfrenat tal-aħħar seklu, li ġab titjib fil-livell ta' għajxien u fil-kwalità tal-ħajja tal-bniedem, kellu l-konsegwenza wkoll, illi ġab deterjorament fl-ambjent ta' madwarna, illi ġabna wiċċ imb wiċċ mar-realtà li l-ambjent kellu jiġi mħares.

Irridu nħarsu l-ambjent għax hu tajjeb li nagħmlu hekk. Għax moralment sewwa. Napprezzaw l-ambjent għall-valur intrinsiku tiegħu bħala riżorsa li kienet mgħoddija lilna minn ta' qabilna, u li rridu ngħaddu lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna fi stat tajjeb. L-ambjent bħala ġid komuni.

L-ambjent, iżda, mhux biss madwarna. L-ambjent hu aħna. L-ilma li nixorbu, l-arja li nieħdu n-nifs minnha, il-minerali li ġisimna jassorbi mill-ikel, dawn kollha jsiru parti minn ġisimna. Il-ħolqien interdipendenti. Bħala bnedmin m'għandna ebda monopolju fuq il-bqija tal-ħolqien iżda responsabbiltà lejn l-istess ħolqien, lejn ħutna l-bnedmin, u lejn ġenerazzjonijiet futuri.

Għalhekk, ngħidu aħna, inizjattiva tajba kienet il-proġett ta' Ħaġar Qim, u nistaqsi jekk dan, issa, għandux ikun estiż u jifforma parti minn kunċett usa', dak ta' park arkeoloġiku li jkun jinkludi it-tempji viċini tal-Imnajdra. Tajjeb li nindukraw dan il-wirt storiku li, mhux biss għandu rilevanza kulturali qawwija iżda wkoll jagħtina identità.

Il-wirt storiku nevalwawh, nifhmuh u nifhmu wkoll min aħna, minn fejn ġejjin.

## Park arkeoloġiku

Wieħed jista' jikkunsidra imbagħad li jinkorpora dan il-park arkeoloġiku, f'eventwali park tal-punent li jkun jinkludi mhux biss il-park tal-majjistral eżistenti iżda jkun format mill-medda ta' art li testendi miċ-Ċirkewwa saż-Żurrieq, u li tinkludi wħud mill-isbaħ pajsaġġi naturali u panoramiċi li jinghamar bihom pajjiżna.

Naghtu l-ħajja lill-ambjent ukoll billi nerġgħu ninserixxu fl-abitat naturali tagħhom dawk l-ispeċi li, forsi kaġun tal-attività umana indiskriminata, kienu estinti u nqerdu mill-gżejjer tagħna.

Insemmi, pereżempju, il-barbaġann, tajra mill-isbaħ li sa ftit snin ilu kienet tbejjet regolari f'pajjiżna, sas-snin sebgħin. Għaliex m'għandniex nimbarkaw fuq proġetti li jwasslu biex dawn l-ispeċi jerġgħu jkunu introdotti fl-ambjent naturali tagħhom? Għaliex m'għandniex nirrestitwixxu lura dak li nqered inġustament?

U anke jekk għandna nieħdu mill-ambjent, għaliex m'għandniex nagħmlu sforz kollettiv biex sa fejn hu possibbli, nirrestitwixxu lura, biex niddisturbaw mill-inqas il-bilanċ?

Dawn huma proġetti li jsiru fid-dinja kollha u ma narax għaliex m'għandhomx jirnexxu f'pajjiżna.

Il-konservazzjoni għandha tkun l-istampa l-wiesgħa, li fil-kuntest tagħha, imbagħad, għandna nifhmu u nagħrfu sports li jinvolvu t-teħid ta' speċi mis-salvaġġ.

Jidhirli li faċli wieħed jikkritika, jew joġġezzjona għal dak li lilu ma jinteressahx. Iżda jidhirli wkoll li delizzji li jinvolvu t-teħid ta' speċi, pereżempju għasafar mis-salvaġġ jistgħu jkunu sostenibbli jekk nikkunsidraw serjament u nimbarkaw fuq proġetti ta' tnissil (*breeding programmes*), biex nagħmlu sforz ħalli nirrestitwixxu fl-ambjent dak li nkunu qed nieħdu mill-ambjent bl-attività umana.

## Sens ta' bilanċ

Dan hu sens ta' bilanċ. Dan hu wkoll sens ta' rispett, jekk mhux ukoll raġunament loġiku u l-għarfien li r-riżorsi ambjentali mhumiex infiniti. Tieħu bla ma trodd is-swar thott. Il-bidwi li jrid jieħu l-uċuħ mir-raba tiegħu jrid jagħti lura, biex iżomm l-art fi stat tajjeb u fertili, u qabel jaqta' l-frott irid jikkultiva l-art u x-xitla.

Bl-istess mod irridu nassiguraw illi nieħdu ħsieb u nindukraw dak li rridu nieħdu minnu. Programmi ta' tnissil jinvolvu t-tnissil ta' għasafar fil-magħluq li, imbagħad, jinħelsu fis-salvaġġ, biex wieħed ipatti għal dawk li jkunu qegħdin jitnaqqsu meta jiġu prattikati ċerti delizzji. B'hekk jinħoloq bilanċ... l-aktar f'din is-sena dedikata għall-biodiversità.



minn
**Franco Debono**
www.francodebono.info
franco.debono@gov.mt

***Il-wirt storiku nevalwawh, nifhmuh u nifhmu wkoll min aħna, minn fejn ġejjin...***

# L-imsieħba soċjali

Naħseb li ġieli ltqajtu ma' xi ħadd li laqgħek bil-kliem: "Kif int sieħbi?" Hi kelma maltija sabiħa li ddoqq ħelu għall-widna u sserraħlek moħħok għax min jgħidhielek ikun jirrispettak. Dil-kelma 'sieħbi' għandha konnotazzjonijiet kemxejn familjari, bħal meta ssemmi lil xi ħadd ta' ġewwa. Xi ħadd li jkun aktar minn ħabib. Xi ħadd li tafdah u lest anki li taħdem miegħu mill-viċin. Xi ħadd li f'intrapriża tħossukom ugwali għal xulxin. Allura taħdmu flimkien, tafdaw lil xulxin, tieħdu l-pariri ta' xulxin, tikkonsultaw lil xulxin. U tgawdu s-suċċessi flimkien.

Dawn il-ħsibijiet jiġu f'moħħi f'okkażjonijiet differenti. Żgur li jiġu f'moħħi kull meta nisma' l-frażi l-'imsieħba soċjali'. Għaliex dawn l-'imsieħba' huma allura sħab, fejn wieħed jista' jindirizza lill-ieħor bħala 'sieħbi'.

Iżda, sfortunatament, mhux dejjem hekk jiġri u donnu f'pajjiżna dejjem irid ikun hemm xi ħadd minn dawn is-sħab li jkun irid jieħu linja differenti u għalhekk l-'imsieħba' ma jibqgħu msieħba xejn. Aħsbu ftit.

Araw kif ġabu ruħhom dan l-aħħar l-imsieħba fl-'imsieħba soċjali'. Araw ftit kif iġib ruħu kull sieħeb. Eżempju prattiku hu dak attwali: is-suġġett dwar kif qed tiġi ffaċċjata l-kriżi tar-riċessjoni f'Malta b'referenza għall-prezzijiet tad-dawl u l-ilma u dan b'konsegwenza tal-prezz eżorbitanti taż-żejt.

Mhux kulħadd ħa l-istess triq. Is-CMTU, il-GRTU, il-UHM u l-*Malta Employers Association,* fost l-oħrajn, sostnew li soluzzjonijiet għal dawn il-problemi delikata jintlaħqu bid-djalogu madwar mejda u mhux bil-konfrontazzjoni u l-protesti fit-toroq kif eżattament kienu qed jagħmlu kapijiet ta' *unions* oħrajn fl-istess ġranet.

Sfortunatament, f'dan ir-rigward mhux l-imsieħba soċjali kollha kienu qed jaħsbuha l-istess, għax numru ta' unions oħrajn kellhom ideat differenti, fejn il-prijoritajiet tal-pajjiż, għalihom huma differenti. Biżżejjed ngħid li l-union il-kbira fosthom, il-GWU, snin ilu kienet tellfet opportunità eċċezzjonali għal pajjiżna li l-*unions* kollha Maltin jiffirmaw Patt Soċjali, li permezz tiegħu kienu jissiġillaw għaqda permanenti li tiggarantixxi ġejjieni mill-isbaħ għal pajjiżna. Imma m'hemmx x'tagħmel. Kulħadd irid jagħti rendikont ta' għemilu. Imma hi ħasra li ntilfet dik l-opportunità tad-deheb.



minn **Philip Mifsud**
philip.mifsud@gov.mt

Okkażjoni oħra li fakkritni fil-ġid li joħroġ meta l-imsieħba jagħżlu li jkunu ta' spalla għal xulxin u allura jgawdu l-frott tal-għaqda ta' bejniethom, kienet fl-24 ta' Frar li għadda meta jien akkumpanjajt lill-Prim Ministru Gonzi fis-serer ġodda li żewġ bdiewa mill-Imġarr bnew bi spiża ta' €160,000 li €80,000 minnhom kienu ko-finanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropeja bħala parti mill-Pjan għall-Iżvilupp Rurali bejn l-2007 u l-2013. F'dan il-Fond Agrikolu Ewropew, fi 18-il skema differenti, għall-perijodu msemmi kienu ġew allokati 100 miljun ewro.

Dawn il-bdiewa ħawtiela u kuraġġużi ħadu l-inizjattiva biex jisfruttaw din is-sħubija bejn Malta u l-Unjoni Ewropea, il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali u l-bdiewa nfushom billi jidħlu għal proġett li finalment ifisser ħaxix u frott frisk fuq il-mejda tal-ikel tal-familja Maltija prattikament ftit sigħat wara li jkun inqata'.

Ifisser li l-bidwi Malti għandu fiduċja sħiħa fis-settur tal-agrikultura. Ifisser li qed tissaħħaħ it-tjubija tal-prodott Malti. Ifisser ukoll li l-bdiewa se jkunu qed jaħdmu l-prodotti tagħhom b'mod aħjar u b'aktar faċilità. Dan il-ftehim wassal biex fl-aħħar erba' snin, in-numru ta' bdiewa f'pajjiżna minn 3,300 żdied għal 4,000.

Dan li jġib il-ftehim bejn l-imsieħba soċjali li jittrattaw lil xulxin ta' veru msieħba. Dan hu l-ġid li joħroġ meta l-imsieħba jifhmu lil xulxin u jgħinu tabilħaqq lil xulxin. Mhux li kien li kulħadd jifhimha bħal dawn il-bdiewa Mġarrin u ħafna oħrajn li l-eżempju tagħhom għandu jdawwal l-imħuħ ta' dawk li jippreferu passiġġata fi Triq ir-Repubblika fil-Belt b'xi kartellun kontra l-Gvern, milli joqogħdu madwar mejda u jagħmlu rasħom flimkien mal-imsieħba l-oħra biex ifittxu dak li verament hu ta' ġid għal kulħadd.